# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Dicembru, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **324/2020**

**COSECASA LIMITED**
[REG. NRU. C-15933]

***VERSUS***

**JOHN FALZON**
[K.I. NRU. 227071M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-15 ta' Dicembru, 2020 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' erbat'elef, hames mija, wiehed u tletin ewro u tnejn u hamsin centezmi (€4,531.52c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati mill-attrici lill-konvenut in relazzjoni man-negozju ta' l-istess konvenut, hekk kif deskritt fl-Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez u drittijiet ta' dawn il-proceduri gudizzjarji, dawk marbuta ma' ittra ufficjali datata 11 ta' Lulju, 2019 (bin-numru 2008/2019) minnha emessa kontra l-konvenut skond l-Art. 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll l-imghaxxijiet kummercjali fuq l-ammont ta' sorte domandat dekorribbli mis-26 ta' Gunju, 2018.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu (jew xi difensur ghalih) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza ta' l-10 ta' Novembru, 2021 (*a fol*. 17), il-konvenut kien gie debitament notifikata bl-atti processwali, izda dakinhar it-terminu relattiv sabiex il-konvenut iressaq u jintavola risposta f'din il-kawza kien ghadu ghaddej. Ghalhekk il-procediment odjern kien thalla ghal data ohra sabiex titressaq l-imsemmija risposta tal-konvenut.

Cionostanti dan u cionostanti l-imsemmija notifika lilu ta' l-atti processwali, il-konvenut baqa' ma ressaqx risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenza sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-udjenza mizmuma fl-10 ta' Dicembru, 2021. Fl-appena msemmija udjenza, il-kawza thalliet ghas-sentenza abbazi tal-materjal probatorju sa dakinhar migbur in atti, u dan bl-adoperu tas-sucitat Art. Artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz[1] ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fid-

[1] Dwar it-tema tas-skiet guridiku wiehed hu dirett jara s-sentenza *in re* **Emanuel Esposito v. Carmelo Mugliett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 9 ta' Jannar, 2019; mhux appellata), b'siltiet mid-duttrina u mill-gurisprudenza lokali dwar il-materja. Tali insenjamenti gew imhaddna mill_prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni *in re* **Grace Borg v. Edward Basile et** moghtija fid-19 ta' Jannar, 2021.

duttrina forensi nsibu ritenut illi, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**SALVATORE LA ROSA**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p. 175). Mil-lat ta' gurisprudenza domestika, wiehed huwa mistieden jara *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959);[2] id-decizjoni riportata f'*Kollez*. **Vol XXIX-III-35**;[3] il-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010);[4] id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata); u *in re* **Awtoritá Ghat-Trasport F'Malta v. Abdi Khadar Qaasim** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Novembru, 2017; mhux appellata) li fiha insenjamenti ulterjuri dwar dan is-suggett. Ghalhekk, il-posizzjoni guridika tal-parti mharrka f'dan il-procediment hi meqjusa bhala cahda totali u kategorika ta' l-allegazzjonijiet kollha vantati kontriha, li jehtiegu jigu debitament pruvati kif imiss.

Ezaminati l-atti processwali relattivi, it-Tribunal ha kont ta' dak li afferma bil-gurament rapprezentant tal-kumpannija attrici fl-udjenza ta' l-10 ta' Dicembru, 2021 fejn stqarr hekk: "*Seduta stante, ir-rapprezentant tal-Attrici, Andre' Agius, fil-kapacita' tieghu ta' direttur fi hdan il-kumpannija Attrici, wara li gie somministrat il-gurament mit-Tribunal, jiddikjara illi s-Socjeta' Attrici kienet u ghadha kreditrici fil-konfront tal-Konvenut fl-ammont ta' EUR4,531.52, u li fil-mori tal-prezenti proceduri ma sar l-ebda hlas akkont ta' tali cifra, la direttament mill-Konvenut u lanqas minn terzi ghan-nom tieghu, u li ghaldaqstant, l-imsemmi ammont ghadu sallum interament dovut lill-Attrici mill-Konvenut, u dan oltre l-imghaxijiet kummercjali relattivi. Ghal kull bwon fini, Andre' Agius, fil-kapacita' tieghu premessa, ikkonferma bil-gurament tieghu il-fattura a fol.2 tal-atti u kif ukoll il-kontenut tal-Avviz tat-Talba rifless a fol.3.*" (ara *a foll*. 23–24). It-Tribunal ha wkoll qies tal-materjal probatorju kollu l-iehor imressaq mill-parti attrici in sostenn tad-domanda u ma jarax raguni ghalfejn l-istess materjal – kunsidrat li ma tressqux provi kuntrarji – ghandu jitwarrab u/jew ma jigix kunsidrat bhala validu.

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin

---

[2] Fiha nsibu ritenut hekk: "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal.*"

[3] Fiha inghad hekk: "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.*"

[4] F'din id-decizjoni inghad li l-parti li tkun kontumaci "*titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha.*"

u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici fi proceddiment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier tal-vicenda, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-istess attrici s-somma ta' erbat'elef, hames mija, wiehed u tletin ewro u tnejn u hamsin centezmi (€4,531.52c), bl-imghax kummercjali fuq dan l-ammont dekorribbli mis-26 ta' Gunju, 2018 li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, u kif ukoll dawk konnessi ma' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju, 2019 (bin-numru 2008/2019), huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*